MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Numru. 52/2004

Il-Pulizija
(Spettur Alfred Mallia)

vs

John Brincat

Il-Qorti;

Rat li l-imputat John Brincat ta’ 48 sena, iben Paul u Josephine nee’ Zammit imwieled Isla fl-14 ta’ Marzu 1955 u residenti 13, Triq Santa Katerina Isla u detentur tal-karta ta’ l-identita numru 243055M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Gewwa Isla fil-perjodu bejn 8 ta’ April, 1996 u 15 ta’ Gunju 2002, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet diferenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda bhala l-propjetarju jew konsumatur u

bhala l-persuna responsabbli ghall-meter ta’ l-elettriku tal-fond 13, Triq Santa Katerina, Isla, b’mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jwaqqaf jew ibiddel, il-kejl jew markar tal-meter, tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmija, ikkommetta serq ta’ dawl elettriku ta’ LM499.27.2 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin ai termine tal-artikoli 18, 261, 263, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu ta’ l-istess Korporazzjoni, liema hsarat huma minimi, bi ksur tal-artikolu 326(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba li tapplika l-provedimenti tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-hlas tal-ispejjez peritali.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti nkluz il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 19 ta’ Jannar 2004 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (a fol. 6).

Semghet lill-imputat jiddikjara waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-22 ta’ April 2004 (a fol. 7) li huwa ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat;

Illi fil-15 ta’ Gunju 2002 saret spezzjoni minn zewg impjegati ta’ l-Enemalta, Mario Cassar u Harry Buttigieg (technical officer u senior tradesman rispettivament) fil-meter tad-dawl fil-fond numru 13, Triq Santa Katerina l-Isla liema spezzjoni saret fil-presenza tar-registered consumer responsabbli mill-meter tad-dawl in kwistjoni li kien l-imputat odjern. Il-meter kien ta’ l-ghamla Ganz u kellu n-numru tar-registrazzjoni 4069683. Instab li l-meter in kwistjoni kellu s-sigill ta’ fuq imbaghbas u meta nfetah

il-cover ta' l-imsemmi meter kien hemm parti minnu illevata, kien hemm bicciet tal-plastik fil-cover u brix fuq id-diska u l-partijiet tal-arlogg (vide xhieda ta' Mario Cassar moghtija fis-seduta tat-22 ta' April 2004 u dik ta' Harry Buttigieg moghtija fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2005).

Illi l-imsemmija haddiema ta' l-Enemalta ghamlu rapport lil Pulizija dwar dak li sabu u saret inkjesta Magisterjali (process verbal relattiv esibit a fol. 13 et seq.) fejn gie mahtur bhala espert tekniku Horace J. Anastasi. In-nomina giet ikkonfermata f' dawn il-proceduri (ara digriet tat-22 ta' April 2004). L-imsemmi espert tekniku ghamel is-segwenti konstatazzjonijiet:-

1. Illi l-inkwilin indikat ilu jghix f'dan il-fond mill-1974.
2. Illi l-arlogg tad-dawl jinstab fuq ix-xellug hekk kif tidhol mill-bieb ta' barra.
3. Illi l-arlogg indikat huwa tal-marka Ganz Electric Meters ta' L-Ungerija, ta' l-1963, bin-numru tas-serje 406683, 10 amps, u li qed jaqra 6406.
4. Illi s-sigill tac-comb li qieghed man-naha ta' fuq l-imsemmi arlogg, jidher maghfas.
5. Illi s-sigill tac-comb, li qieghed man-naha t'isfel tal-meter, ghandu bicca minnu nieqsa.
6. Illi jidher xi tibwiq fuq il-bazi tan-naha tax-xellug.
7. Illi hawn xi thakkik mal-mekkanizmu tan-naha tax-xellug.
8. Illi hawn sinjali ta' brix max-xifer tad-diska tal-meter indikat.
9. Illi fuq gewwa ta' dan l-arlogg hawn hames bicciet plastik naqra ohxon u trasparenti, u bicctejn minn card tal-plastik.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rrizulta is-segwenti:

1. Illi l-imputat kien responsabbli ta' l-arlogg tad-dawl in kwistjoni ghaliex kien ir-registered consumer u huwa kien ilu jghix f' dan il-fond sa mill-1974.
2. Illi l-valur ta' kurrent elettriku li nsteraq kien ta' Lm499.27 (ara xhieda ta' Ian Vella fis-seduta tat-8 ta'

Marzu 2006 u d-dokument esebit a fol. 51 u 52 tal-process).
3. Illi nqatghu s-sigilli tac-comb ta' ma' l-arlogg inkwistjoni, infetah l-ghatu tieghu sabiex jiddahlu bicciet tal-plastik biex tinzamm id-diska milli ddur u b' hekk il-konsum elettriku li ntuza ma deherx fuq ir-registru.
4. Il-hsara fil-meter kienet minima.

Ikkunsidrat;

Illi l-Artikolu 264(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li fil-kaz ta' ksur tal-meters ta' l-elettriku jew tas-sigill ta' l-istess meter jew fil-kaz ta' l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata, jitqies sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond, jew il-persuna li jkollha f' idejha il-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew mezzi qarrieqa, jaf b' dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku.

Illi fil-kaz odjern irrizulta mill-provi li l-imputat kien ilu detentur tal-fond fejn instabu l-irregolaritajiet fil-meter u li huwa kien ilu detentur ta' dan il-fond sa mill-1974. L-imputat qal (ara xhieda tieghu a fol. 62 tal-process) illi fit-tmienja u ghoxrin sena li kien ilu jghix fil-fond in kwistjoni qatt ma mess il-meter u li jghid li l-fond huwa antik u qablu kienu jghixu xi nies ohra. Huwa jsostni wkoll li wahda mit-tertuqiet jew bicciet tal-plastik li nstabu fil-meter kellha d-data tal-1945 u din it-tertuqa kien uriehilu l-espert nominat fl-atti ta' l-inkjesta Magisterjali. F' dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li fl-ewwel lok l-espert tekniku Horace J Anastasi meta xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-22 ta' April 2004 qal is-segwenti in kwantu jirrigwarda it-tertuqa li nstabet fil-meter:
"Dwar it-tertuqa li kien hemm nista' nghid illi kienet ilha hemm, pero' mhux snin kbar."

Illi fit-tieni lok irir jinghad li mkien fir-rapport ta' l-espert tekniku ma hemm indikat li huwa kien sab xi data fuq wahda mit-tertuqiet misjuba fil-meter tad-dawl fil-fond ta' l-imputat. Il-Qorti jidhrilha li l-espert imsemmi certament

kien jindika dan il-fatt, u cioe' li t-tertuqa kellha d-data tal-1945 fuqha, fir-relazzjoni tieghu li kieku effettivament huwa rriskontra dan id-dettal.

Illi finalment il-Qorti taghmel referenza ghal dak li xehed l-imputat quddiem l-espert Horace J. Anastasi fil-gurnata li nstabu l-irregolaritajiet fil-meter. Huwa fil-fatt kien indika li xi erba' snin qabel u cioe' qabel il-15 ta' Gunju 2002, kienu marru xi nies ta' l-Enemalta u qalghu l-meter tad-dawl li kien min-naha tal-lemin tal-bieb ta' barra kif tidhol u nstallawh fuq in-naha tax-xellug. Li kieku kien hemm xi rregolaritajiet fil-meter li kienu ilhom hemm ghal zmien twil l-impjegati ta' l-Enemalta zgur li kienu jindunaw bihom. Dan ifisser li t-tezi ta' l-imputat li l-irregolaritajiet li kien hemm fil-meter kienu ilhom hemm ghal zmien twil, sa minn qabel ma huwa ha l-pussess tal-fond fl-1974, ma tistax titwemmen.

Fil-fehma tal-Qorti l-imputat bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova sal-grad rikjest mil-Ligi u skond kif jirrikjedi l-Artikolu 264(2) citat aktar il' fuq, kif kellu l-oneru li jaghmel, li huwa bhala detentur tal-fond fejn instab il-meter bl-irregolaritajiet, ma kienx jaf b' dawn l-irregolaritajiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta ta' l-imputat u t-trapass ta' zmien minn meta nhargu l-akkuzi odjerni sallum u cioe' sakemm giet deciza l-kawza odjerna u dehrilha li piena karcerarja effettiva ma tkunx idoneja fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 267, 270, 264, 278, 325, 17 u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah ghal prigunerija ta' disa' (9) xhur sospiza ghal tmintax (18) -il xahar millum.

Ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez peritali in konnessjoni ma’ dan il-kaz.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car bir-responsabbiltajiet tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul il-perjodu rispettiv ta’ din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 u tordna lil hati sabiex ihallas lill-Korporazzjoni Enemalta is-somma ta’ Lm249.27 fi zmien xaharejn millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jonqos li jaghmel dan il-hlas fi zmien preskritt.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------